Kumitat Amministrattiv SWATAR
Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida
Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# MINUTI
# Kumitat Amministrattiv SWATAR

## Laqgħa Numru 32
## Il-Erbgha 28 ta' Gunju 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Swatar ltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tal Kunsill Lokali Msida li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30p.m.

### PREŻENTI:

Matthew Mangion
Deborah Galea
Owen Patrick Attard

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Emanuel Galea

### ASSENTI

Jimmy Zahra

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Ic-Chair Person Matthew Mangion ippresieda l-laqgħa.

### 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

32.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġiji ta' Emanuel Galea, fejn talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-membri preżenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji

### 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

32.2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ppreżenta l-minuti ta' Seduta Nru 31 u ttieħdu bħala moqrija.
Saret korrezzjoni waħda.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 32.3 Kommunikazzjoni mic-*Chairperson* ;

32.3.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Matthew Mangion, qal li ma kienx hemm l-ebda kommunikazzjoni xi jwassal lill-membri preżenti.

### 32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-membri;

32.4.01 Il-Viċi *Chairperson* Deborah Galea tkellmet dwar il-proġett tal-*Housing* go tas-Sisla u qalet li għalkemm tifhem li dan huwa proġett ta' bżonn, mhux qed jaħsbu għal parkeġġ u l-problema li ser tinholoq. Kompliet tispjega li l-popolazzjoni se tikber u spazju biżżejjed għal parkeġġ ma jaħsbux għalih barra l-problema li se tiżdied biex tidhol jew toħroġ minn tas-Swatar.

Iċ-*Chairperson* is-Sur Matthew Mangion, qal li jaqbel mal-proġett biss hemm bżonn isir oġġezzjoni biex jiġi ssuġġerit li jinbena sular ieħor ta' parkeġġ u jinkera b'mod ssussidjat għar-residenti u anke li jiġi ppjanat *traffic management* li jirrifletti l-bżonnijiet tar-residenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li għal parir fuq *traffic Management* jistax isejjaħ għal laqgħa mas-Sur Michael Cohen li għandu esperjenza fil-kunsilli u anke huwa konsulent fuq is-Suġġett fejn jista' jgħati parir lill-Kumitat Amministrattiv.

Iċ-*Chairperson,* is-Sur Matthew Mangion qal li din l-oġġezzjoni tista' ssir *online* u hemm bżonn ssir malajr għax daqt jagħlaq iż-żmien li din tista' ssir.

Ġie diskuss jekk l-oġġezzjoni għandhiex tinkludi talba għal xi forma ta' servizzi bħal berġa
Il-kumitat qabel li għanda ssir l-oġġezzjoni kif tidher u ċ-*Chairperson* Matthew Mangion ha l-inkarigu li jibagħatha f'isem il-Kumitat Amministrattiv Swatar.

In my capacity as Chairperson of the Swatar Administrative Committee and on behalf of the same committee we would like to raise an objection to the amendments to PA/01281/14, as being proposed and especially due to the fact that through these amendments the number of housing units is being increased significantly from 46 apartments and 5 penthouses to a total of 73 residential units.
This significant increase in residential units is being proposed in conjunction with a reduction of 2 garages from the original 57 garages in PA/01281/14 to 55 garages in these last amendments and therefore it is clear enough that there will be an overspill of vehicles from these additional residential units in neighbouring roads which already lack sufficient parking bays.

We believe that this project should take into consideration the demographics and dynamics of Swatar which has become heavily congested in recent years and which already has significant parking problems. A project of this magnitude, without sufficient parking facilities, will only make the present problems even worse. It is our belief that this project should not include garages but parking spaces below street level so that more vehicles can be accomodated alleviating parking problems from neighbouring roads. Traffic management in this area should also be carefully studied and improved on account of the increase in traffic flow which will be brought about by such a massive project to the Swatar area.

We hope our observations and recommendations are considered by the Planning Board and thank you for your attention.

### 32.5 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv li jkunu meħtieġa;

32.5.01 Il-Viċi *Chairperson* Deborah Galea tkellmet dwar il-binja fi Triq Borg Olivier u il-*Boundary wall* fejn hemm bżonn jittnehhew xi ostakli minn fuq il-Bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ha jibagħat lis-Sinjura Pulis biex forsi jibaghatu xi haddiema u jnehhu l-ostaklu.
Il-Viċi *Chairperson* Deborah Galea tkellmet dwar *enforcement one way* , dwar tabelli vandalizzati u it-*traffic management* ghal Triq Grosseto.
Is-Sur Owen Patrick Attard spjega li meta il-Kunsill Lokali B'Kara applika kien hemm tlett toroq, Tal-Qttus, Grosseto u Tal-Qanpiena. Skond il-kunsill, tal-Qattus ma gietx approvata. Waqt il-laqgha ma jidhirx li kien hemm xi *objections* fuq l-ohrajn. Hawn kompla jispjega li tkellem ma' Moira Pulis biex jaraw jekk jistghux jaghmlu parti zghira fi Triq il-Qattus mill-Muzew ‘l isfel ma tinzilx.

### 32.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

32.6.01 Il-laqgħa intemmet fis-7:20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 31 ta' Lulju, 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 31 ta' Lulju 2017

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Matthew Mangion | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |